**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU ĦDAX**

**25 ta' April, 2011**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.40 ta' filg]axija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, Viċi Chairperson Maria Schembri, u l-membri Joseph D'Amato, Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda.

**11.1 *Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

11.1 Il-paragrafu 10.2.1 irid jinqarha hekk: Iċ-Chairperson Pierre Farrugia fiehem lil dawk preżenti r-rotta tal-attivita' kulturali tad-29 ta' Mejju, 2011 – Tieġ Malti. L-attivita' ser tibda minn Misraħ Santa Marija u tkompli għal Triq Bubaqra, Triq it-Tin, Triq Zakkarija Ronkali, Triq in-Nigret, Triq Isouard Xuereb, Triq l-Arċ. E. Mifsud, Triq l-Imtali, Triq it-Torri, Misraħ Santa Marija u ċ-ċerimonja tat-Tieġ issir **ħdejn** il-Knisja ta' Bubaqra wara l-għarajjes jimxu għal Triq ir-Rettur, Misraħ Santa Marija, fejn ikun hemm ir-reċiviment – ikel u xogħol ta' artiġjanat malti.

11.1.1 Il-minuti tas-seduta numru 10 ġew approvati kif emendati.

***11.2 Kommunikazzjoni miċ-Chairperson***

11.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat Amministrattiv li kellu diskussjonijiet mal-Onor. Franco Debono, fejn ġie offrut għajnuna finanzjara minn fond tal-EUC biex issir il-manutenzjoni meħtieġa fl-istatwa

ta' Santa Marija li tinsab f'Misraħ Santa Maria f'Bubaqra.

Uħud mill-membri preżenti ġibdu l-attenzjoni sabiex issir riċerka jekk l-istatwa hiex taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Knisja jew tal-istat. Il-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-Membru Joseph D'Amato ġibdu l-attenzjoni taċ-Chairperson sabiex qabel ma xi membru mill-kumitat amministrattiv jipprova jiddiskuti xi ħaġa ma barrani, għalkemm jaqblu mal-inizjattiva tajba li ħa ċ-Chairperson, il-Kumitat Amministrattiv kollu għandu jkun avżat b'kollox minn qabel.

Kien hemm qbil li jekk tali statwa hi fil-ġuriżdizzjoni tal-knisja u l-Arċipriet taż-Żurrieq jaqbel li l-Kumitat Amministrattiv jagħmillha l-manutenzjoni meħtieġa, din l-approvazzjoni għandha tingħatha lill-Kumitat Amministrattiv bil-miktub u bit-timbru tal-Knisja Parrokjali. F'dan il-każ iċ-Chairperson għandu jinforma lill-Kumitat Amministrattiv kollu u jkompli bit-taħdidiet.

11.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-membri fuq l-email li ġiet riċevuta mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fir-rigward ta' recording ta' programm dwar l-attivita' tat-Tieġ Malti, li ser tixxandar fuq Education 22. L-email tistieden lill-żewġ membri mill-Kumitat Amministrattiv biex jitkellmu fuq l-attivita' u jagħddu nformazzjoni fuq l-attivita'.

Il-membru Annetto Bugeja ssuġġerixxa li jattendu ċ-Chairperson u l-Viċi Chairperson Maria Schembri minħabba li hi waħda mill-membri li hi nkarigata mill-attivitajiet.

Il-Viċi Chairperson aċċettat li tattendi hi flimkien maċ-Chairperson u oġġezzjonat li jattendi xi membru minn xi Għaqda minflok membru tal-Kumitat Amministrattiv.

Iċ-Chairperson issuġġerixxa li waqt ir-recording ikun preżenti membru mill-kumitat organizzattiv fi ħdan is-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina, minħabba li huma l-aktar li huma intiżi fuq l-attivita'.

Ġie ssuġġeriet li l-Kumitat jistaqsi lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali jekk minflok żewġ persuni jistgħux jattendu tlieta biex persuna minnhom tkun mill-kumitat organizzattiv.

Hu qal li għandu jistaqsi għall-ritratti u nformazzjoni fuq it-Tieġ Malti u wara tintbagħat email lill-membri kollha.

***11.3 Konfini – Bubaqra/Żurrieq.***

11.3.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li kellu laqgħa ma' kumitat mill-Kunsill Lokali fuq il-konfini fejn tħejjiet pjanta (Dok 11 A) Il-Kunsill qabel fuq parti waħda biss immarkata bl-ittra C li tinkludi l-parti ta' Triq it-Torri sal-Housing Estate ta' Bubaqra. Għall-partijiet A li tinkludi parti minn Vjal l-Indipendenza sal-kappella ta' St Agatha, u parti B li tinkludi parti minn Triq Ħal Far tibqa sejjer għall-wara ċ-ċimiterju, ma kienx hemm qbil bejn il-Kunsill u l-Kumitat Amministrattiv.

Il-Kumitat Amministrattiv kollu minbarra l-membru Joseph D'Amato qablu li jitolbu l-estenzjoni tal-konfini ta' Bubaqra għat-tliett partijiet immarkati A,B u Ċ minħabba dawn ir-raġunijiet rispettivament - hemm familiji joqgħodu bieb ma' bieb li jinsabu f'konfini differenti, biex il-parti ta' wara ċ-ċimiterju tkun inkorporata kollha maż-żona ta' Bubaqra u minħabba li dak immarkat Ċ tinsab f'parti miċ-ċentru ta' Bubaqra.

Il-punti mqajma f'seduta preċedenti għandhom ikunu inklużi wkoll:

- ma' jkunx hemm problema ta' manutenzjoni ta' partijiet mit-toroq u mhux ta' triq sħiħa kif tinsab bħalissa
- biex deċiżjoni fuq triq tittieħed jew kollha mill-Kumitat Amministrattiv jew kollha mill-Kunsill Lokali mhux parti minn wieħed u parti minn ieħor u b'hekk ma jkunx hemm diżgwid
- f'toroq partikolari hemm persuni li għandhom ID card fuq iż-Żurrieq u fl-istess triq hemm persuni li għandhom ID Card fuq Bubaqra – fl-istess triq ir-residenti kollha għandhom ikunu konformi ma' post partikolari wieħed – jew Żurrieq jew Bubaqra.

### *11.4 Tieġ Malti*

11.4.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ġibed l-attenzjoni għall-istima mingħand Koptasin fuq *refresh* ta' sinjali tat-traffiku f'Bubaqra li tammonta għall-€933.58. Kien hemm qbil li tali xogħol isir mill-Koptasin minflok mill-ħaddiema tal-ETC għax ix-xogħol isir ħafna aħjar. Dan ix-xogħol għandu jsir qabel l-attivita' tat-Tieġ Malti.

11.4.2 Kien hemm qbil li tinkiteb email lid-Dipartiment fir-rigward tal-konferenza stampa li trid issir xahar qabel l-attivita', u jintalab il-permess sabiex tali konferenza ssir ħmistax –il ġurnata qabel minflok xahar.

11.4.3 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ssuġġerixxa li għal waqt l-attivita' tat-Tieġ Malti ssir kompetizzjoni għall-isbaħ faċċata li tiġi mżejna bi pjanti u fjuri fl-okkażjoni tat-Tieġ

Malti, f'Bubaqra.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia kkuntatja lis-Sur Ġino Lombardi biex ikun jista jiġġudika din il-kompetizzjoni u dan aċċetta l-istedina.

Kien hemm qbil li ssir applikazzjoni biex titqassam fil-ħwienet tal-merċa f'Bubaqra u li parti minnha tiġi rritornata fl-uffiċċju tal-Kunsill biex il-Kumitat ikollu l-informazzjoni ta' min applika sabiex jiġi aġġudikat. L-applikazzjonijiet ser jitqassmu mill-membru Annetto Bugeja.

Kien hemm qbil li min ikollu l-isbaħ faċċata jingħata tifkira tal-okkażjoni.

11.4.4 Kien hemm qbil li jiġi kkuntatjat il-kumitat tal-organizzazjoni fi ħdan is-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina biex iħaffu l-proċess tal-posters u l-avviżi, u l-Kumitat Amministrattiv ikollu l-approvazzjoni mid-Dipartiment sabiex ikun jista jmexxi l-proċess u biex nistiednuhom jattendu għas-seduta li jmiss.

11.4.5 Il-membru Joseph D'Amato staqsa x'ser tkun il-pożizzjoni tal-Kumitat Amministrattiv għaliex hu għad m'għandu l-ebda nformazzjoni tal-andament tal-attivita u f'hiex ser ikunu involuti l-membri tal-Kumitat Amministrattiv.

Tali nformazzjni ser tingħatha aktar 'l quddiem.

### *11.5 Stemmi Reġjonali u Amministrattivi*

11.5.1 Fir-rigward ta' Memo 29/2011 li tirrigwardja Stemmi ġodda għall-Kumitati Reġjonali u Kumitati Amministrattivi kien hemm qbil unanimu li l-Kumitat jikteb lid-Direttur tal-Gvern Lokali u jiġu mistoqsija jekk il-Kumitat Amministrattiv jistax iżomm l-istess stemma li għandu ż-Żurrieq minħabba li l-Kumitat jidhirlu li Bubaqra hi parti mir-raħal u minħabba s-sensittivita' tar-residenti fejn ħafna minnhom ma jridux jinqatgħu minn maż-Żurrieq.

Jekk il-Kumitat jirċievi risposta fin-negattiv, kien hemm qbil li l-Kumitat jerġa jistaqsi jekk jistax iżomm l-istess stemma taż-Żurrieq u taħt iżid il-kliem 'HAMLET BUBAQRA – ZURRIEQ'.

It-tielet alternattiva jekk tal-ewwel jew it-tieni ma jiġux approvati mid-Direttur tal-Gvern Lokali tkun li fuq is-Salib tal-istemma taż-Żurrieq jiżdied 'outline' sempliċi tat-torri.

Il-membru Joseph D'Amato qal li ma jaqbilx li Bubaqra jkollha l-istemma tagħha għax m'għandux ikun hemm distinzjoni ta' partijiet miż-Żurrieq.

Kien hemm qbil fuq dan kollu.

### 11.6 *Fuljett*

11.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv wriet *draft* tal-fuljett li ser joħroġ mill-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra.

Kien hemm qbil li l-isem tal-fuljett ikun 'Leħen Bubaqra'.

Kien hemm qbil li għal din id-darba l-fuljett jikkonsisti f'A4 mitwi fi tnejn, għalkemm it-tipa ser tkun żgħira. Għal fuljett ieħor jerġa jiġi diskuss jekk għandhomx jiżdiedu l-paġni.

### 11.7 *Ilmenti*

11.7.1 Il-membru Joseph D'Amato qal li ġie avviċinat minn resident ta' 'Reve D'Amore' fi Vjal l-Indipendenza fejn talbu sabiex il-Kumitat jagħmillu *bollards* ħalli ma jipparkjawlux vetturi fil-ġnub tal-garaxx, ħalli ma jsibx ostakoli meta jkollu bżonn joħroġ.
Kien hemm qbil li jiġu nfurmati l-wardens sabiex waqt ir-ronda li jagħmlu jagħtu aktar każ din il-problema ta' vetturi li jipparkjaw fuq *yellow lines* f'dawn l-inħawi.

11.7.2 Il-membru Joseph D'Amato qal li ġie avviċinat minn persuna b'diżabilta' li ma tkunx tista toħroġ mill-garaxx tagħha fi Triq Hompesch minħabba li vetturi qed jagħlqu l-aċċess.
Kien hemm qbil li jsiru linji sofor fil-ġnub tal-garaxx imsemmi.

11.7.3 Il-Membru Annetto Bugeja qal li waqt li kien qed isir ix-xogħol ta' tarmakk mit-TM fi Triq l-Iskultur Fabri k/m Triq Isward Xuereb, il-kuntrattur geddes il-materjal viċin plot mhux mibni.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser terġa tibgħat reminder lit-TM fuq dan il-każ.

11.7.4 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri ġibded l-attenzjoni tal-kumitat li ċertu pustiera qed jagħddu minn fuq il-bankini bil-mutur bi speed eċċessiv, bil-konsegwenza li jkunu ta' periklu għar-residenti.

Kien hemm qbil li tinkiteb ittra lill-Malta Post fejn jitressaq dan l-ilment.

11.7.5 Il-Viċi Chairperson qalet li llum ikkuntatjat lis-Sur Joe Attard mill-Green Mt, fejn talbietu jieħu passi għall-ħmieġ li

hemm madwar il-*bring in site* ta' Triq Kalang Bugeja u talbitu ukoll li jsiru cctv u li hi lesta li tagħtih l-għajnuna li hemm bżonn.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li s-Sindku kien qabbad lill-Kuntrattur tal-Kunsill biex inaddaf tali skart u hu filfatt naddaf u dan it-tindif sar għall-ħabta ta' nofsinhar illum.

11.7.6 Il-membru Joseph Caruana staqsa jekk il-Kunsill għandux *'works manager'* għax-xogħolijiet kollha li jagħmel il-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li l-Kunsill għandu contracts manager fuq xogħol ta' bankini u *patching* u fuq tisbiħ ta' ġonna u *soft areas* u hemm kunsilliera nkarigati minn ċertu xogħolijiet u jieħdu ħsieb huma li jispezzjonaw ix-xogħol.

11.7.7 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li daħallu lment minn residenti ta' Triq Gio Batta Riccio li persuna qed taħżen id-demel ġo għalqa fil-viċin biex wara li jinxef tkun tista tbiegħhu.

Kien hemm qbil li tiġi avżata s-sanita sabiex tieħu l-passi meħtieġa.

***11.8 Appuntament għas-seduta li jmiss***

11.8.1 Id-data tas-seduta li jmiss fuq qbil bejn il-membri kollha ser issir nhar it-Tlieta 17 ta' Mejju, 2011 fil-5.30 ta' filgħaxija.

11.8.2 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-*item* fuq l-aġenda fit-7.45 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Mejju, 2011.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**